Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Frar 2001.

Avviz Nru: 1383/00

Patrick Valentino ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta Valentino Brothers

Vs

Charles Salerno

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur nomine talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm335.51c) rapprezentanti ammont lill-attur nomien dovut ghall-merkanzija konsistenti f'injam lill-konvenut mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra bonarja tal-24 ta' Lulju 2000, tal-

ittra ufficjali tat-30 ta' Awissu 2000 u tal-mandat ta' qbid numru 2680/00MM prezentat kontestwalment u bl-imghax legali mit-2 ta' Novembru 1999 data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma pprezenta nota tal-eccezzjonijiet. Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lil Patrick Valentino ghan-nom tad-ditta attrici ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lid-ditta attrici s-somma mitluba ta' tlett mija hamsa u tletin lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm335.51c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-2 ta' Novembru 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat

Dep/Reg